**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 361**

**It-Tnejn 8 t' Ottubru, 2018**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sra. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sra. Ritienne Giorgino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**361.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

361.1.1 Is-Sindku qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera Clayton Cutajar u Dr. Mark A. Vassallo.

**361.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

361.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 360.

361.2.2 **Punti li joħorġu mill-Minuti**

361.2.3 360.6 Is-Sindku qalet li x-xogħol ta' manutensjoni fuq l-outdoor gym skedat li jibda f'Novembru. Il-kuntrattur infurmana li l-play equipment huwa ordnat u għandu jkun installat lejn l-aħħar tas-sena/bidu ta' Jannar 2019.

361.2.4 360.12.6 Is-Sindku qalet li huwa kalkolat li d-diversi talbiet li hemm pendenti għall-konkos tal-bdiewa jammontaw għal spiża ta' madwar 200,000 ewro. Dan filwaqt li l-Kunsill Lokali qed ikollu ammont kbir ta' talbiet għall-patching. Għalhekk hi talbet lill-Ministru Ian Borg u lill-Infrastructre Malta biex jallokaw Eur200,000 għall-konkos tal-bdiewa u Eur200,000 għall-patching. Dan sabiex il-Kunsill Lokali jkun jista' jassisti lill-bdiewa bl-aħjar mod possibli. Hija qalet li l-Ministru għadu ma laqax din t-talba u qal li kien se jara kif se jqassam l-budget tat-toroq bejn il-Kunsilli Lokali kollha, Is-Sindku tenniet li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi se jibqa' jinsisti fuq din t-talba.

Is-Sindku fakkret li x-xogħol fi Triq ta' Bur ix-Xewk, it-triq tal-Fawwara u Triq tax-Xama jinsab pendenti minħabba xogħolijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Is-Sindku proponiet li l-Minuti tal-laqgħa numru 360 ikunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**361.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

361.3.1 Is-Sindku infurmat li ser issir żjara ta' kortesija lill-President ta' Malta mal-Grupp Solidarjeta' Siġġiewi, fl-10 ta' Novembru 2018 fil-11.00am. Il-Kunsilliera mistiedna biex jattendu.

361.3.2 Is-Sindku infurmat li l-proposta tal-Kunsill għal Grant for Permanent Sustainable Mobility Measures 2018 ma ġietx aċċettata. Għalhekk dawn se jiġu diskussi ma' Transport Malta u jekk ikun hemm qbil fuqhom, isir pjan sabiex jiġu implimentati fis-snin li ġejjin. Is-Sindku fakkret li hemm diversi materji li huma pendenti għall-approvazzjoni ta' TM u għalhekk kienet se

361.3.3 tintalab laqgħa biex jiġu diskussi l-Permenant Measures, zebra crossings fejn l-bandli, fil-bypass u Triq Nikola Zammit, fost oħrajn.

Is-Sindku qalet li llum stess ġiet infurmata minn residenti li kienu ġew immarkati diversi Green parking bays fis-Siggiewi mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill. Hija qalet li daħlu diversi ilmenti fl-Uffiċċju minħabba li tnaqqsu spazji ta' parkeġġi f'żoni ċentrali fejn diġa' hemm parkeġġ limitat
361.4 bħall-Pjazza u quddiem l-Iskola Primarja.

**Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**361.5** Ma kienx hemm domandi mill-Kunsilliera

361.5.1

**Immaniġġjar tat-Traffiku**

Is-Sindku qalet li kienet ddiskutiet mal-Viċi Sindku talbiet ta' residenti għal żewġ roundabouts. Huma ressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali l-possibilita' ta' dawn r-roundabouts (i) fil-fetħa ta' Triq Sta. Margerita ma' Triq Papa Pawlu Vi u (ii) fil-fetħa fi Triq il-Knisja l-Qadima quddiem is-sub-post office, biex jiġu evitati U-turns. Il-Kunsill Lokali qabel b'mod unanimu li ssir laqgħa ma' TM biex jiġu diskussi dawn r-roundabouts filwaqt li l-Kunsill Lokali qabel li għandha terġa ssir talba biex issir roundabout fid-
**361.6** daħla tas-Siġġiewi.

361.6.1

**Applikazzjonijiet għall-Fondi tal-UE - Majjistral Action Group**

Is-Sindku qalet li minħabba li l-Kunsill Lokali ġab għajnuna għall-proġett tal-Park ta' Lapsi mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi u minħabba li l-Kunsill Lokali kien se jagħmel l-bandli, ma setax jissottometi applikazzjoni għaliex l-bandli ma japplikawx għas-sejħa ta' Green Infrastructure. Għalhekk, il-Perit tal-Kunsill qed iħejji proposta għal proġett ta' tisbiħ taż-żona quddiem il-Kappella ta' San Niklaw. Il-proġett li jkun ko-finanzjat bejn fondi Ewropej u l-Kunsill Lokali isir b'ammont massimu ta' 50,000
**361.7** Ewro.

361.7.1

**Żona tas-Salib ta-Għolja**

Is-Sindku qalet li f'Marzu li għadda kellha laqgħa mal-Ispettur rigward il-parti ta' fuq ta' ħdejn is-Salib ta' l-Għolja fejn bħalissa tinstab magħluqa minħabba periklu. Is-Sindku qalet li kienet ġiet infurmata li din iż-żona tista' tinfetaħ biss wara li jsiru rapporti li jindikaw miżuri li jilqgħu għall-periklu. Għalhekk hija kienet kellmet lill-Kurja u ltaqgħu mal- Ġeologu Adrian Mifsud. Is-Sindku qalet li l-ġeoloġu ppropna studju ta' Eur5,000 li jagħti indikazzjonijiet ta' kif tista' tiġi stabilizzata l-kappella u miżuri li jilqgħu għall-periklu fil-parti bejn l-kappella u s-Salib. Hi qalet li l-Kunsill Lokali ntalab jipparteċipa u jkollu aċċess għal dan l-istudju u ppropniet li jiġu allokati Eur1,000 mill-ispiża ta' eur5,000 għal dan l-istudju fuq wirt storiku ewlieni għas-Siġġiewi. Il-Viċi Sindku irrimarka li l-istudju għandu
**361.8** jinkludi wkoll is-soluzzjoni u mhux l-istat tal-kappella biss. Is-Sindku qalet li l-geologu kien spjega li l-istudju se joffri gwida fuq kif tista' tiġi
361.8.1 stabilizzata l-kappella u gwida għall-pjan konkret għar-restawr taż-żona.

**Andament tax-xogħol Lattrina ta' Għar Lapsi**

**361.9** Is-Sindku qalet li bħalissa qegħda tissaqqaf il-lattrina ta' Għar Lapsi. Hija infurmat lill-Kunsill li intbagħtet default notice oħra għad-dewmien tax-xogħol.

361.9.1

**Pjan għal siġar fiż-żona ta' Ramija**

361.10 Is-Sindku qalet li qegħda f'konsultazzjoni mal-PARKS għal proġett ta' tisbiħ u żieda ta' siġar fiż-żona ta' Ramija. Hija talbet il-parir botaniku għal lista ta' siġar endemiċi li jaqblu ma' dak l-ambjent. Il-Kunsill unanimament qabel li tintalab għajnuna mill-PARKS biex jsir il-proġett ta' tħawwil ta' siġar li jsebbħu ż-żona.

361.10.1

**Tenders - Ippublikar u evalwazzjoni**

Is-Sindku qalet li t-tenders:

Traffic Signs, Night Shelter u Rubble Walls qegħdin fil-proċess ta' evalwazzjoni.

Playground Equipment jagħlaq fid-9t'Ottubru 2018.

Cleaning of Non Urban, Re-Surfacing u Street Lighting qegħdin fil-proċess biex tinħareġ is-sejħa.

Collection of Bulky refuse, Street Sweeping, Planting Public Spaces u Supply of Concrete għandu jinbeda il-proċess biex tinħareġ is-sejħa

Ħarġet is-sejħa għall-stimi għal Consultation Services.

361.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

361.11.1 **Attivitajiet - Attivita' tat-Tfal, European Week for Waste Reduction, Pjazza Milied, V18**

**Tfal fil-Pjazza**

361.11.2 Is-Sindku qalet li l-attivita' Tfal fil-Pjazza ser issir il-Ħadd 21 t'Ottubru 2018 bdejn id-9.00am u nofsinhar, bil-kollaborazzjoni tal-V18. Il-Pjazza ser tingħalaq għat-traffiku u t-tfal ikunu jistgħu jilagħbu logħob tradizzjonali, filwaqt li jkun hemm workshops divertenti minn kollaboraturi tal-V18.

**Il-Pjazza Tagħna**

361.11.3 Dak inhar stess fil-11.00am ser issir laqgħa/diskussjoni bis-suġġett 'Il-Pjazza Tagħna', fejn ser jiġi diskuss il-Wirt storiku u pjan ta' tisbiħ fl-istess Pjazza.

**European Week for Waste Reduction 15-17 ta' Novembru 2018**

361.11.4 Din id-darba l-attivita' ser tkun iffukata l-iktar fuq is-separazzjoni ta' l-iskart perikoluż u l-iskart organiku.

**Pjazza Milied 13ta' Diċembru 2018**

Il-Viċi Sindku propona li tinżamm dejjem din id-data għal Pjazza Milied biex il-pubbliku jorbot din id-data ma' l-attivita'. Is-Sindku qalet li irċevejna korrispondenza mingħand organizzatur ta' attivitajiet simili. Hija tiproponi li ssir laqgħa miegħu biex naraw x'joffri.

**361.12** Is-Sindku qalet li din is-sena l-attivita' ħa tkun inkluża Magna Żmien tal-V18.

**Mozzjoni: Twaqqif ta' Siġġiewi Youth Network**

Is-Sindku pproponiet il-Mozzjoni.
Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace issekondat.

**361.13** Il-Kunsill unanimament qabel mal-mozzjoni.

**Twaqqif ta' Sotto-Kumitati fuq animal welfare u negozji**

**361.14** Is-Sindku proponiet li jitwaqqfu Sotto-Kumitati fi ħdan il-Kunsill għal animal welfare u negozji fil-lokal. Dan tal-aħħar jibda minnufih bil-ħidma biex isir direttorju tan-negozji kollha fis-Siġġiewi. Il-Kunsill unanimament qabel li jitwaqqfu dawn is-Sotto-Kumitati.

**Laqgħa ta' Konsultazzjoni mar-residenti ta' Triq Ħal Xluq**

Is-Sindku proponiet laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti ta' Triq Ħal Xluq fuq talba ta' xi residenti li t-triq tiġi one-way jiġifieri tinżel biss fid-direzzjoni ta' Triq it-Tabib Nikola Zammit. Il-Viċi Sindku propona li għal laqgħa jiġu mistiedna wkoll is-sidien tal-garaxxijiet.

**361.15 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

361.15.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

361.16 **Rapport tal-korrispondenza**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv pprezentat r-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

361.16.1 Is-Sindku rreferiet lill-Kunsilliera għal Ċirk AKL2018/119, Laqgħa Plenarja Straordinajra, biex min ser jattendi għandu jinfurma l-Uffiċċju mill-iktar fis.

361.16.2 Is-Sindku qalet li rċeviet ittra minn residenti ta' Triq Sta. Margerita ħdejn ħanut partikolari fejn urew it-tħassib tagħhom rigward il-problema ta' parking. Is-Sindku qalet li kienet intbagħtet talba lil LESA għal iktar infurzar f'din iż-żona.

**361.17 Rapport tal-ilmenti**

Id-Deputat-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**361.18 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa.**

Il-Viċi Sindku qal li rċieva talba mingħand id-Denfil Childcare Centre għal loading/unloading quddiem l-entrata tal-iskola fi Triq it-Tabib Nikola Zammit. Is-Sindku qalet li hi kienet ressqet din t-talba u l-Kunsill kien' fil-proċess li jagħmel applikazzjoni mat-TM għal loading/unloading bay fil-ħinijiet tal-ftuħ taċ-Ċentru.

Il-Viċi Sindku qal li rċieva talba mingħand residenti fiż-żona tal-Buskett biex issir bring-in-site f'dawk l-inħawi. Is-Sindku talbet lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv tiċċekja rigward l-ispejjeż involuti

Il-Viċi Sindku qal li rċieva diversi ilmenti li l-lattrina tal-Pjazza tal-Irġiel qed tkun magħluqa. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv wieġbet li wara li saru spezzjonijiet irriżulta li hemm ħsara minn taħt il-madum u qed naraw x'hemm bżonn isir u l-ispiża biex din il-ħsara tissewwa.

Il-Kunsillier Dominic Grech irrimarka li qed ikun hemm infurzar żejjed mill-gwardjani f'toroq residenzjali u nuqqas ta' infurzar fejn l-iktar hemm bżonn, speċjalment fil-Pjazza u fejn hemm il-ħwienet. Huwa talab biex tinġibed l-attenzjoni tal-LESA.

Il-Kunsillier Grech qal li fi Triq Prof. Enriko Vassallo jinħarġu boroż suwed f'kull ħin tal-ġurnata anke it-Tnejn u dawn jagħmlu sa l-Erbgħa hemmhekk. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li intbagħtu ittri bil-kopja ta' l-iskeda ta' l-iskart diversi drabi f'din it-triq. Il-Kunsillier Grech kompla jgħid li l-problema ta' skart fiż-żona ta' Ramija hija persistenti, kif ukoll rimi ta' terrapien u skart ieħor il-Girgenti ħdejn it-Troll.

Il-Kunsillier Grech ġibed l-attenzjoni fuq sprall tal-ħadid sfrundat u perikoluż fi Triq l-Imqabba.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li niżel il-livell tat-triq f'salib it-toroq fi Triq Sta. Margerita fejn tagħti għal Triq Ta' Brija. Huwa qal ukoll li hemm l-istess problema fil-Binja Ramija fejn sfrundat l-art tal-madum.

Il-Kunsillier Cassar qal li hemm bankina fi Triq iż-Żabbarija kantuniera ma' Triq il-Qiegħa imkissra u fl-istess post hemm bżonn issir barrier.

**361.19 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

361.19.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**361.20 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

361.20.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.30p.m. u s-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 12 ta' Novembru 2018 fis-6.00p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 12 ta' Novembru 2018.

| | |
|---|---|
| Dr Alessia Psaila Zammit | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |